**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2025

Rikors Ġuramentat: 208/24/2AL

**A B**
K.I. 0511278(M)

**vs.**

**C B**
K.I. 010277(M)

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 1855/2004)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 21 ta' Marzu 2025[1] li permezz tiegħu l-konvenut ppremetta kif ġej:

[1] Fol. 2.

*Illi l-attrici pprezentat proceduri gudizzjarji intizi sabiex tkun ippronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet filwaqt ukoll li tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, fost talbiet ohrajn, b'dan illi l-esponent intavola r-risposta tieghu ghall-istess talbiet inkluz il-kontro-talbiet tieghu.*

*Illi essenzjalment minkejja li hemm bosta elementi li l-partijiet ma jaqblux dwarhom, ikluz ir- ragunijiet li kkawzat it-tifrik taz-zwieg u min minnhom għandu jerfa` l-htija tal-istess tifrik taz-zwieg, it-tnejn li huma jaqblu li c-cirkostanzi prezenti taghhom ghandhom fil-fatt iwasslu sabiex il-komunjoni tal-akkwisti tigi mwaqfa u l-kontenut taghha diviz bejniethom, tenut kont ukoll tal-krediti li jivvantaw fil-konfront tal-istess.*

*Illi bhala fatt, iz-zwieg tal-partijiet tfarrak irrimedjabbilment u entrambi l-partijiet jahdmu, ghandhom entrojtu tajjeb u indipendenti minn xulxin, u t-tnejn li huma huma kapacissimi jamministraw l-assi personali taghhom.*

*Illi fil-fatt l-attrici hija Assosicate Director fid-ditta rinomata KPMG indubjament bi dhul tajjeb u allura bl-ebda mod immaginabbli ma jista` jigi argumentat li hija tiddependi minnu sabiex tghajjex lilha nnifisha.*

*Illi l-esponent, essendo li l-ulied jirrisjedu mal-komparenti omm, ossia l-attrici, ma hemmx dubju li l-esponent huwa tenut jissomministra manteniment xieraq ghat-trobbija taghhom u allura dan l- obbligu għandu jibqa` impregudikat bit-talbiet maghmula f'dan ir-rikors.*

*Illi l-partijiet min-naha l-ohra ghandhom proprjeta` in komun bejniethom li minnha ma jiggeneraw l-ebda entrojtu u ghalhekk tali proprjeta` ghandha tibqa' hekk mizmuma in komun bejniethom sax-xoljiment u d-divizjoni eventwali tal-assi taghhom.*

*Illi ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghalfejn il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tissussisti bejniethom.*

*Ghaldaqstant l-esponent, prevja li jzomm ferm il-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-krediti tieghu fil-konfront tal-assi komuni tal-partijiet kif ahjar deskritti fir-risposta u l-kontro-talba tieghu, ghar-ragunijiet premessi u ohrajn jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara;*

> *1. It-terminazzjoni mmedjata tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;*
>
> *2. Illi r-regim applikabbli bejn il-partijiet minn issa ‘l quddiem ghandu jkun dak tas- separazzjoni tal-assi;*

*salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

Rat li l-attriċi ngħata ħamest ijiem utli minn notifika tar-rikors sabiex tintavola r-risposta tagħha u fid-9 ta’ April 2025[2], hija ntavolat ir-risposta tagħha

Permezz tar-risposta tagħha l-attriċi ppremettiet kif ġej:

*Illi permezz tar-rikors datat il-21 ta' Marzu 2025, ir-rikorrent qieghed jitlob illi dina l- Onorabbli Qorti jogghobha tiddikjara "1. it-terminazzjoni mmedjata tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u 2. Illi r-regim applikabbli bejn il-partijiet minn issa 'l quddiem għandu jkun dak tas-separazzjoni tal-assi". Illi l-esponenti qegħda toggezzjona ghal dawn it-talbiet, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi primarjament u qabel xejn, fir-rikors tieghu r-rikorrent jizvela illi flimkien mar-risposta guramentata huwa pprezenta kontro talba. L-esponenti ghadha ma gietx notifikata bil-kontro talba tar-rikorrent, u għaldaqstant ghadha ma intavolatx ir-risposta guramentata taghha*

[2] Fol. 5.

*ghall-istess. B'hekk il-procediment preliminari bil-miktub tal-kawza ghadu ma ghalaqx, u s-smigh tal-kawza odjerna ghadu ma bediex u allura ma jistax jinghid illi din it-talba qegħda ssir fi stadju permess mill-legislatur ossija "matul is-smigh tal-kawza" Dan wahdu huwa bizejjed sabiex din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent.*

2. *Illi b'zieda ma dak rilevat fl-ewwel paragrafu, l-partijiet għadhom l-anqas ma kellhom l-ewwel dehra quddiem dina l-Onorabbli Qorti. L-ewwel dehra ghandha ssehh fl-20 ta' Mejju 2025. Naturalment, gjaladarba l-esponenti ghadha qas giet notifikata bir-risposta guramentata u bil-kontro talba tal-konvenut, u ghadu qas biss kien hemm l-ewwel dehra, l-ebda provi m'għadhom bdew jingabru, u l-ebda assistent gudizzjarju u/jew perit legali ma gie mahtur ghal daqshekk;*

3. *Illi l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ghada ghalhekk qas bdiet tigi stabbilita u jinghid sabiex din il-Qorti jkollha stampa cara illi l-esponenti ma tafx bis-shih x'inhuma l-assi li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti, illi jinkludu diversi investimenti tar-rikorrent, u kif ukoll diversi dhul ppercepiet minnu tul iz- zwieg illi huwa dejjem zamm misteru l-finanzi u dhul tieghu, ukoll billi dejjem zamm il-flus imfaddlin tal-partijiet - ukoll kontanti - hu;*

4. *Illi dwar dak illi jinghid fir-rikors tar-rikorrent, l-esponeti sejra tirrileva s-segwenti fil-qosor:*
   - *a. Illi fir-rikors tieghu, il-konvenut huwa siket dwar l-interess gjuridiku tieghu fit-talba li qieghed jaghmel. Illi huwa insolitu illi parti taghmel rikors minnghajr ma tgharraf lil Qorti ghalfejn qeghda titlob dak li effettivament qieghed jigi mitlub. Jekk wiehed jezamina l-atti ta' din il-kawza isib illi konxju tal-fatt illi - kif gja inghid - ma ngabru ebda provi, allura*

*wkolll-provi dwar l-assi tieghu ma humiex migbura, il-konvenut irid illi l-kommunjoni tal-akwisti tigi xolta qabel ma jingabru dawn il- provi b'mod illi huwa jkun jista', wara tali terminazzjoni, jibda jgawdi dan il-gid apertament - ukoll mas-siehba tieghu, illi kif gja gie ezebit fil- fosthom mori tal-medjazzjoni ir-rikorrent jonfoq eluf fuq rigali lussuzi basket tal-'Prada' - ghall-istess siehba, u kif ukoll nefaq madwar €70,000 fuq vettura lussuza illi l-esponenti ma ghadhiex tara lill-konvenut isuq. Dan hu l-ftit illi bih taf l-esponenti.*

*b. Illi r-rikorrent ma semma xejn dwar l-impieg u l-introjtu tieghu. Kif ghad ma kellix l-opportunita illi tisma' din il-Qorti, d-dhul tieghu - ukoll tul iz- zwieg tal-partijiet - dejjem inzammu misteru. Illi l-konvenut jahdem fil- qasam tal-IT. Fil-passat - cioe tul iz-zwieg u l-konvivenza tal-partijiet - il-konvenut kien impjegat ma kumpanija, u kif ukoll kien jaghmel xoghol ghal rasu ossija self-employed. Illi minn dan ix-xoghol 'self-employed' ir-rikorrent ma kienx jiddikjara d-dhul kollu tieghu. L-esponenti taf illi huwa kien ghadu self-employed sa ftit xhur ilu, zgur. L-esponenti taf ukoll illi l-introjtu ta zewgha huwa, u dejjem kien, ferm izjed minn dak tal-esponenti.*

*c. Illi r-rikorrent jgħid li ma hemmx dubju li l-esponent huwa tenut jossoministra manteniment xieraq ghat-trobbija ta' uliedu. Dan jghidu waqt illi ilu xaharejn ma jhallas manteniment ghall-htigijjiet ta' uliedu. Tant illi l-esponenti kellha taghmel rapport tal-pulizija. In oltre ma jghidx ir-rikorrent illi ilu ma jara lil uliedu mill-24 ta' Frar.*

5. *Skont il-Ligi - cioe l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 - it-talba ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tigi milqugha jekk kemm-il darba parti ma tkunx sejra tbati minn "pregudizzju mhux proporzjonat". Illi l-kliem tal-legislatur "pregudizzju mhux proporzjonat" huma kliem*

*li jintuzaw biss fis-subinciz 4 tal- Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kull Qorti ghandha ghalhekk tqis it-tifsir ta' dawk il-kliem fid-dawl tan-natura partikolari tar-rimedju offert u fl-isfond tal-kondizzjoni tal-partijiet fil-mument illi ssir it-talba. Jerga Jigi rilevat illi sallum ghadhom ma tressqux l-ebda provi, allura xejn dwar il-konsistenza tal-gid komuni. Il-fatt illi ma jkunux ghadhom inghalqu dawn il-provi gja jinghata piz mill-Qrati taghna fil-konsiderazzjoni ta' talbiet simili, izjed u izjed meta l-provi jkunu ghadhom l-anqas biss bdew.*

6. *Illi huwa car illi l-legislatur ma jridx illi l-habi u t-tfixkil ta' parti konvenuta illi tikkontrolla l-gid kommuni jigi premjat bil-mod implicitu fir-rimedju mitlub. L- uzu tal-kliem "pregudizzju mhux proporzjonat" mill-legislatur huwa ghalhekk ta' piz. Dawn il-kliem ma humiex intizi bhala definizjoni tal-kobor jew tal- gravita' tal-pregudizzju - ghad illi fil-kaz odjern il-pregudizzju soffert ikun enormi izda tal-proporzjonalita tal-preguzzju. L-unika proporzjonalita' ta' interess ghal legislatur hija dik bejn il-kontendenti nfushom. Huwa ghalhekk car illi l-legislatur jrid illi r-rimedju illi jinghata jkun ekonomikament newtrali bejn l-istess partijiet mizzewga u ma jwassalx biex il-parti illi jkollha interess illi taghmel dik it-talba tigi vantagjata mill-eventwali digriet tal-Qorti a skapitu tal- parti l-ohra.*

7. *Huwa car illi fil-kaz odjern jekk din it-talba tintlaqa, l-esponenti sejra tigi enormament u sproporzjonatament zvantaggjata. Il-pass li jkun imiss f' dan il-process huwa li meta tigi mwaqqfa l-komunjoni tal-akkwisti, kif irid il-konvenut, il-konvenut f' salt wiehed jakkwista gid kbir minn xi xoghol inezistenti ta' konsulenza li huwa jaghmel għal xi klijenti intraccabbli. Illi għalhekk f'kaz li l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrent, l-esponenti ser tigi ppregudikata stante li mhux biss l-esponenti ma tafx biċ-ċert kemm huma l-flejjes u investimenti li għandu fil-*

*pussess tiegħu ir-rikorrent (li għad trid itella provi dwarhom), izda kif ukoll minħabba l-fatt li r-rikorrent ikun liberu illi juza flejjes li huma tal-komunjoni tal-akkwisti, possibilment bl-intendiment li dawn jiġu jidhru li tħallsu mir-rikorrent biss; B'hekk allura għandu jkun car illi din it-talba qegħda ssir b'malizja tar-rikorrent sabiex jippregudika d-drittijiet tal-esponenti; Illi l-esponenti taf biss dwar x'assi hemm fil-komunjoni tal-akkwisti meta kienet issib xi karta tigri 'l hemm u 'l hawn fid-dar matrimonjali. Għalhekk kif inghif - l-esponenti ferm tibza li din it-talba qegħda ssir f'dan l-istadju u b'mod prematur sabiex l-esponenti tiġi ppreġudikata minn sehma mill-komunjoni tal-akkwisti;*

8. *Illi ssir referenza ghas-sentenza in parte fl-ismijiet Sonia Bowerman vs Luke Bowerman deċiza minn din l-Oorabbli Qorti kif diversament ippresjeduta, fliema sentenza l-qorti kienet rreferit għas-sentenza Dr X T pro et noe vs Dr YR deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Ġunju 2018 fejn intqal illi: "Il-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward u hija tal-fehma, naturalment bla pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet, illi fl-eventwalita' li tali talba tigi akkolta f'dan l-istadju u eventualment fis-sentenza finali jirrizulta li l-allegazzjoni tal-attrici fir-rigward hija fondata, hemm ir-riskju illi fil-frattemp il-konvenut, wara li jkun ottjena x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti pendente lite, juza l-allegati fondi mohbija tal-komunjoni u jakkwista proprjeta' parafernali fl-esteru li l-attrici mhux biss ma jkollha l-ebda dritt dwarha izda jkun difficli ghaliha illi tirrintraccaha. Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet fir- rigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni Rik. Nru. 206/2020/2 AL tal-akkwisti f'dan l-istadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament i-lkonsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq l-attrici." Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza in parte mogħtija*

*mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Ronald Asciak vs Antonia Asciak datata 21 ta' Novembru 2018 fejn ġie ritenut illi:- "Fil-fehma tal-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet tikkonkludi li sallum ingabru ftit wisq mill-provi tal-partijiet u ghalhekk huwa kompitu difficili ghall-Qorti biex ikollha stampa cara tal- assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti..... Fil-fehma tal-Qorti, wara li gharblet sew is-sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet firrigward qed tikkonkludi illi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan listadju meta ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, jirreka pregudizzju mhux proporzjonat fuq lintimata". Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet David Briffa vs Blanche Gatt, il-Qorti stqarret illi "Hija il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi, in vista tal-allegazzjonijiet serji maghmula mill-intimata inkluz il-habi tal-assi, investimenti u dhul tal-intimat ma tqisx illi jkun ghaqli illi f'dana l-istadju tal-proceduri tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, meta dan jsarraf ghall- pregudizzju sproporzjonat ghall-intimata"*

9. *Illi l-ligi tghid illi din it-talba ma ghandha qatt tintlaqa kemm il-darba parti tkun sejra tbati pregudizzu mhux proporzjonat. L-esponenti hawn fuq elenkat diversi ragunijiet illi maduda flimkien jirraprezentaw il-gid kollu komuni tal-kontendenti u wriet f'dina r-risposta illi dak il-kollu jigi pregudikat kemm il-darba din it-talba tintlaqa'. Difficli allura illi wiehed jimmagina pregudizzju akbar milli jigi pregudikat l-gid kollu tal-kontendenti. Dawn il-biżat reali, dina l-Onorabbli Qorti ma tistax twarrabhom. Illi dan l-argument gie accettat minn dina l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta fis-sentenza 'Juanita Fenech vs Mario Fenech' b'numru ta' referenza 80/11AL deciza nhar 1-20 ta' Gunju 2017, fejn din il-Qorti gharfet illi f'cirkostanzi bhal dawn - wara illi tigi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti - jkun hemm biza reali ta'*

*spostiment finanzjarju, illi indubjament iwassal ghal biex parti tbaghtu pregudizzju mhux proporzjonat.*

*10. Illi finalment u fil-qosor, it-tieni talba tar-rikorrent qatt ma tista tintlaqa, u dan peress illi kif inhu maghruf minn kulhadd "is-separazzjoni tal-assi" ma hijiex regim matrimonjali. Illi ghalhekk din it-talba hija monka u ma ssib ebda post f'kawza bejn il-mizzewgin.*

*Għaldaqstant, f'dan l-istadju, t-talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda in toto.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur*

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-azzjoni odjerna**

Permezz tar-rikors odjern, il-konvenut qiegħed jitlob illi din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet *a tenur* tal-Artikolu 55(1) tal-Kap 16. Huwa jgħid illi għalkemm hemm bosta elementi li hu u l-attriċi ma jaqblux dwarhom, it-tnejn jaqblu illi ċ-ċirkostanzi preżenti għandhom iwasslu sabiex il-komunjoni tal-akkwisti tiġi mwaqqfa u li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn f'dan l-istadju l-komunjoni tal-akkwisti għandha tissussisti bejniethom, fejn iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, huma kapaċissimi jamministraw l-assi personali, it-tnejn jaħdmu u huwa tenut jissomministra manteniment għat-trobbija ta' wliedu.

L-attriċi, minn naħa tagħha, toġġezzjona u tgħid li ser issofri preġudizzju sproporzjonat jekk tintlaqa' din it-talba u dan għal numru ta' raġunijiet.

2. **Prinċipji legali:**

L-artikolu rilevanti għat-talba odjerna huwa l-artikolu 55 tal-Kap 16 li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separatali teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-*

*kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Dan l-artikolu għalhekk jagħti l-fakultà lil xi parti jew oħra titlob, **f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża** ta' separazzjoni personali bejn l-istess partijiet, it-terminazzjoni tar-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**[3], illi: "*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Għalkemm kull parti tista' f'kull żmien tal-kawża, għalhekk, titlob il-waqfien tal-komunjoni, is-sub-inċiz 4 kif ċitat, jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-Qorti għandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati **preġudizzju mhux proporzjonat** bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawża. Jinkombi fuq dik il-parti li topponi t-talba li tressaq provi

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014.

sodisfaċenti illi bit-terminazzjoni ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat.

Tgħallem il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell *sive* Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**[4] *"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le."*

Għaldaqstant, il-Qorti meta ssirilha talba ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, għandha tilqa' t-talba salv għal dawk il-**każijiet eċċezzjonali** fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra. Kif qalet il-Qorti diversi drabi *"Dan il-preġudizzju mhux proporzjonat, oltre li għandu jkun ippruvat minn min jallegah, irid ikun abbastanza gravi biex il-Qorti tiżvija mir-regola ġenerali u tabbraċċja l-eċċezzjoni."* [5]

Għalhekk jinkombi fuq min joġġezzjona illi jipprova illi huwa ser isofru preġudizzju abbastanza gravi iżda ma jitlobx lil min jagħmel it-talba li jimmotiva t-talba tiegħu: *"Hija l-fehma tal-Qorti illi f'rikorsi simili mhux mehtieg li r-rikorrent jimmotiva t-talba tieghu. L-artikolu 55 tal-Kap 16 ma jistipula l-ebda obbligu da parti tar-rikorrent li jimmotiva t-talba tieghu. It-talba ghat-terminazzjoni fil-mori ta' kawza hija motivata bizzejjed fiha innifisha peress li l-hsieb tal-Legislatur kien li pendenti l-*

---

[4] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-16 ta' Settembru 2014 (Rik. Ġur. Nru. 139/12/RGM).

[5] Claire Pisani vs Joseph Pisani, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Ottubru 2018 (Rik. Ġur. Nru. 2/15AL).

*kawza tas-separazzjoni il-partijiet ikunu jistghu jibdew jaghmlu atti civili minghajr il-htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra u minghajr il-possibilita` li jghabbu l-komunjoni tal-akkwisti b'dejn addizzjonali. Ghalhekk ghandha tapplika l-massima legali "ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit".*

L-għan tal-leġiżlatur filfatt kien proprju dan u huwa mfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**[6] fejn il-Qorti tal-Appell stqarret illi, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk ma jkunx possibbli għall-partijiet illi jgħabbu l-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Jiġi spjegat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**[7] illi "*Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli."*

Finalment huwa kruċjali illi wieħed isemmi illi jirriżulta minn dan l-artikolu li l-Qorti, meta ssirilha talba taħt dan l-Artikolu, bl-ebda mod ma tista' f'dak l-istadju taqsam u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti tkun qiegħda biss tikkonsidra x-xoljiment tagħha. Il-qasma u l-assenjazzjoni tagħha jibqgħu materji riżervati għas-sentenza definittiva.

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-każ odjern

Għaldaqstant *in vista* tal-liġi u tal-ġurisprudenza abbundanti fuq dan is-suġġett, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tevalwa jekk l-oġġezzjonijiet tal-attriċi humiex relevanti għall-finijiet tal-Artikolu ċitat u jekk jirriżulta fil-pożittiv, jekk humiex tali li jistgħu jikkawżaw jirrekawlha preġudizzju sproporzjonat .

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014.
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut jirnexxielu jgħaddi l-ewwel stadju il-għaliex l-argumenti tiegħu huma relatati direttament mal-komunjoni tal-akkwisti u mhux mad-diversi lanjanzi oħra eżistenti bejn il-partijiet. Għalhekk il-Qorti hawn trid tara jekk tali oġġezzjonijiet issa jiġġustifikawx iċ-ċaħda tat-talba ta' l-attriċi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-ewwel oġġezzjoni tal-attriċi hija li hija għadha lanqas biss ġiet notifikata bil-kontro-talba tal-konvenut u għalhekk għadha lanqas daħlet ir-risposta ġuramentata tagħha u għalhekk il-proċediment preliminari bil-miktub għadu ma għalaqx u s-smiegħ tal-kawża għadu ma bediex għaliex fil-punt li saret it-talba tal-konvenut kienet għada ma saritx l-ewwel dehra. L-ewwel dehra fil-fatt saret fl-20 ta' Mejju 2025 fejn l-attriċi tat ruħha b'notifikata bir-risposta u l-kontro-talba tal-konvenut.

Il-Qorti tgħallem illi l-punt li fih issir it-talba għat-terminazzjoni ma hux daqstant relevanti għaliex li l-eċċezzjoni li għaliha għandha tintlaqa' oġġezzjoni taħt dan l-Artikolu huwa biss jekk b'dan il-pronunzjament il-Qorti tkunx qed iġġib preġudizzju mhux proporzjonat. Għalhekk fih inniffsu, l-punt li fih it-talba ssir ma hux relevanti jekk min qed joġġezzjona ma jurix li jekk tiġi milqugħa t-talba dik il-parti ser issofri preġudizzju u stampa ċara ta' dak il-preġudizzju. Il-liġi ma tagħmilx distinzjoni f'liema punt tal-proċeduri ssir din it-talba u għalhekk l-argument tal-attriċi li l-istadju preliminari għadu ma ġiex konkluż (għalkemm ġie konkluż illum) ma jreġix.

Anzi jirriżulta proprju mill-iskop tal-Leġiżlatur kif ċitat hawn fuq fil-kawża **Dorianne Sammut vs Charles Sammut** illi minħabba t-tul ta' dawn it-tip ta' kawżi l-partijiet ma jibqgħux marbutin bir-reġim tal-komunjoni sa' l-aħħar tal-kawża u mtaqqlin bil-ħsieb li xi parti tista' tieħu vantaġġ mis-sitwazzjoni u ttaqqal il-komunjoni b'piżijiet ta' djun mhux konsenswali.

L-attriċi tgħid li peress li għadhom lanqas kellhom il-prim appuntamento, il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti għadha qas bdiet tiġi stabbilita. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fil-każ riċenti fl-ismijiet **David Martin Briffa vs Blanche Marie Gatt**[8] ***"****Dwar is-sottomissjoni tal-appellata fir-risposta tagħha illi jekk it-talba tal-attur għat-terminazzjoni aċċellerata tiġi akkolta hi ser tbati preġudizzju sproporzjonat peress li għadha ma ġietx stabbilita l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet; din il-Qorti tqis tali sottomissjoni bħala li ma hiex fejjieda. Bir-raġunament tal-appellata, talba taħt Artikolu 55 għandha tiġi deċiża flimkien jew wara t-talba għal-likwisdazzjoni tal-assi, għaliex b'tali sentenza biss jista' jitqies li ġiet stabbilital-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan ċertament ma kienx il-ħsieb tal-Leġiżlatur meta ntroduċa t-terminazzjoni tal-kawża filwaqt li l-kawża tas-separazzjoni personali għadha pendenti."*

Il-fatt li l-attriċi għalhekk ma għandhiex stampa ċara tal-assi ma jirrispekkjax taħt preġudizzju kif irid dan l-Artikolu għaliex prova dwar tal-assi għadha tista' ssir, irrispettivament mix-xoljiment. Ix-xoljiment, kif kellha l-opportunità tgħid il-Qorti diversi drabi, ma għandu l-ebda impatt fuq il-konsistenza tal-assi komuni bejn il-partijiet. Kif tgħid il-Qorti tal-Appell fl-istess sentenza "*Sakemm ma jiġix muri illi l-waqfien aċċellerat tal-komunjoni jista' jwassal għall-movimenti u ħabi tal-assi komuni li mhux possibbli jiġi evitat bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji, allura talba bal dik in deżamina għandha tiġi akkolta."* Għalkemm l-attriċi f'paragrafu 6 tittenta tagħmel din l-allegazzjoni, il-Qorti tħoss li ma tippreżenta xejn fattwali dwar dan, u ma pruvatx li l-biża hija waħda fattwali.

Tispjega wkoll il-Qorti tal-Appell fis-sentenza oħra riċenti fl-ismijiet **Shaun Pisani vs Nancy Pisani Dashtipour**[9] illi "*41. She argues that should the First Court eventually declare that these properties, or to that matter, any one of them, belong to*

---

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2025.
[9] Deċiza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' April 2025.

*the community of acquests, the parties might potentially be in a situation where the community of acquests be terminated now and at the end of the Court proceedings, these properties be declared part of the community of acquests and any income derived therefrom, especially with regards to the shares in Persepolis and any other company in which the applicant is involved. She argues that she will be in a situation where the First Court will have to declare again that these assets, which will then form part of the community of acquests, which would have already been terminated, be liquidated. So, in this particular case, keeping in mind that there are legal issues involved regarding the community of acquests forming part of it, any termination of the community prior to the passing of the final judgment will amount to a disproportionate prejudice. 42. This Court deems that appellant is missing the woods for the trees. As has already been stated in this judgment, the assets which are known at this stage to form part of the community of acquests will remain to be held in common. With regards to the declaration being sought by means of the sixth claim, the First Court will not be precluded to delve into the matter and decide upon it. After all, the examination which must be carried out will pre-date the day when the order of cessation was given. This argument cannot be of any hindrance to applicant's request, because the cessation of the community of acquests refers to the future and has no bearing on the status of assets which were acquired (paraphernally or during marriage) prior to the termination. The Court can still ascertain and determine whether the mentioned assets should be considered as pertaining to the community of acquests. 43. If the appellant truly deems that she has a right to these assets, then she may decide to avail herself of the relevant precautionary warrants. Most definitely, her claim to these assets does not lie in stopping the cessation of the community which as laid down clearly in the jurisprudence should be the rule not the exception."*

Il-Qorti għalhekk ittenni l-prinċipju li dejjem[10] ħadnet u *ċioé* illi dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm il-qasma tal-proprjetà tal-partijiet. Għaldaqstant dak kollu illi illum jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, ser jibqa' hekk jappartjeni lill-istess komunjoni, irrispettivament minn min ikollu l-pussess tal-istess assi. Dan ifisser illi jekk ikun ippruvat illi l-konvenut għandu fil-pussess tiegħu flus li kiseb sat-tmiem tal-komunjoni tal-akkwisti, dawna ser jibqgħu taż-żewġ partijiet u jiġu assenjati skont il-liġi, fid-deċiżjoni finali ta' din il-Qorti.

L-attriċi tgħid li *huwa insolitu illi parti tagħmel rikors minnghajr ma tgharraf lil Qorti ghalfejn qeghda titlob dak li effettivament qieghed jiġi mitlub.* Madanakollu minn qari akkurat tal-Artikolu 55 tal-Kap 16, wieħed jinduna li l-liġi ma titlobx illi dak li qed jagħmel it-talba għat-terminazzjoni illi jġib ir-raġuni għal dan. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **DLB vs ML**[11] "*l-eżami li hu rikjest mil-liġi għad-determinazzjoni ta' tali talba, ma jirrigwardjax ir-raġuni wara tali talba, iżda jirrigwardja l-punt jekk bl-akkoljiment ta' tali talba fl-istadju li tkun maghmulha "xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat"".*

L-attriċi tilmenta li jekk it-talba tal-konvenut tintlaqa, huwa jkun jista' jibda jgawdi il-ġid tal-komunjoni apertament, ukoll mas-sieħba tiegħu li fuqha diġà tgħid li diġà jagħmel ħafna nfieq. Dan fil-fatt ikompli jikkonvinċi l-Qorti li l-komunjoni għandha bżonn tinqasam mill-aktar fis, propju sabiex il-konvenut ma jibqax juża flus tal-komunjoni, jew agħar itaqqal il-komunjoni bi djun. L-għan tal-leġiżlatur filfatt kien proprju dak imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** ġà ċitata, fejn il-Qorti tal-Appell stqarret illi, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti u

[10] Vide Michelle Gaffiero vs Jesmond Gaffiero, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta' Marzu 2018 (Rik. Ġur. Nru. 223/17/1AL).
[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015.

b'hekk ma jkunx possibbli għall-partijiet illi jgħabbu l-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra.

Oġġezzjoni oħra miġjuba mill-attriċi tgħid illi l-konvenut ma semma xejn dwar l-introjtu tiegħu u l-introjtu tiegħu fiż-żwieġ, apparti li mhux dejjem kien dikjarat, dejjem inżamm misteru. Hija taf ukoll li l-introjtu ta' żewġha huwa ferm ogħla minn tagħha. Dwar l-introjtu, japplika l-istess prinċipju ġà spjegat iktar 'il fuq, illi dak li kien jifforma parti mill-komunjoni, ser jibqa' jifforma parti mill-komunjoni, li mas-sentenza finali tiġi likwidata u diviża, sat-terminazzjoni tagħha. Dwar il-fatt illi l-introjtu tiegħu hu ferm ogħli minn tagħha, din ċertament ma hix oġġezzjoni valida f'dan il-kuntest. Il-Qorti kienet ċara, anke f'każijiet fejn dik il-parti li toġġezzjona lanqas biss tkun tista' taħdem (illi ma hux il-każ hawnhekk), illi l-Qorti tifhem li jkun iktar vantaġġuż għal dik il-parti li qed toġġezzjona li l-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti, sabiex hija tibqa' tgawdi l-frott tal-ħidma tan-naħa l-oħra għal iktar tul taż-żmien, madankollu r-riskju jkun illi dak li jkun, jista' jieħu vantaġġ mill-fatt illi qiegħed igawdi l-frott tal-ħidma tal-parti l-oħra u jtawwal il-proċeduri inutilment. Kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Annabelle Cachia vs Julian Cachia:**[12]

"*meta parti f'separazzjoni tieqaf tgawdi l-frott tal-ħidma jew tal-assi li jappartjenu lill-parti l-oħra, dan ma jikkostitwixxiex preġudizzju iżda huwa konsegwenza naturali tal-firda.*

*Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi <u>meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor</u>. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-*

[12] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Frar, 2019 (Rik. Ġur. Nru. 96/18/2AL).

*ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat."*[13]

Jingħad ukoll fis-sentenza ġa` ċitata fl-ismijiet **Shaun Pisani vs Nancy Pisani Dashtipour** illi *"44. It is evident that a party may feel aggrieved with such a cessation because he or she will not continue to enjoy the fruits of labor of the other spouse, particularly when there is a discrepancy in the income of the parties. This is the situation in our case since defendant is not employed at the moment. However, this does not mean that the cessation constitutes a disproportionate prejudice as we have seen. On the contrary, it makes sense that once the spouses have partied ways, then they should live independently from each other as much as possible and as long as such an order does not cause a disproportionate prejudice*."

Dwar l-ilment li jirrigwarda l-manteniment, il-Qorti tirreleva illi dan ma hux ilment li huwa oġġettivament relevanti għall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inċiż 4. Dwar dan l-ilment, hemm il-proċeduri appożiti illi l-attriċi trid tieħu sabiex tassigura illi l-manteniment għal uliedha jitħallas u s-soluzzjoni ma hix li toġġezzjona għat-terminazzjoni tal-komunjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ ma jeżistux l-elementi eċċezzjonali meħtieġa *ai termini* tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, sabiex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx. Illi għalhekk il-Qorti ma hi qed tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' *in vigore* mil-lum 'il quddiem.

**DEĊIDE**

Għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi

---

[13] Deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża Stephanie Attard vs. Kenneth Attard, Rikors Numru: 188/15/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru 2016; kif ukoll Pierre Darmanin vs. Louise Darmanin, Rikors Numru: 176/16/1AL, deċiża fit-30 ta' Jannar 2017,

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-konvenut hekk kif dedotta fir-rikors datat 21 ta' Marzu 2025, u konsegwentement, *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B, u dana b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi *in ġudikat*. Dan filwaqt li jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin fir-rigward tal-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti, mertu tal-kawża ta' separazzjoni personali bejniethom.

2. Tastjeni milli tiddeċiedi t-tieni talba, *stante* li ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti iġib miegħu awtomatikament l-istess effetti tas-separazzjoni tal-beni.

Il-Qorti tordna illi, *ai termini* ta' l-Artikolu 55(5) tal-Kap 16, il-konvenut jinnotifika, a spejjeż tiegħu, lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza preliminari fi żmien ġimgħa minn meta s-sentenza tiġi dikjarata *res judicata.*

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.